MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**EDWINA GRIMA**

Seduta tad-9 ta' Dicembru, 2003

Talba Numru. 70/2003

**Elmo Insurance Agency Limited bhala rappresentanti tas-socjeta estera Royal & Sun Alliance Insurance plc surrogata fid-drittijiet ta'l-assikurat taghha Etienne-Carmel Farrugia u l-istess Etienne-Carmel Farrugia**

**vs**

**Stephen Spiteri**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fl-14 ta' Jannar, 2003, fejn intalab li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lill-atturi s-somma ta' mitejn u wiehed u sittin lira Maltin u disgha u sittin centezmu (Lm261.69) rappresentanti danni sborsati mill-atturi (Lm186.69 mis-socjeta attrici nomine u Lm75 mill-attur), u dana bhala konsegwenza ta' incident awtomobilistiku li sehh f'B'Kara fit-23 ta' Gunju 2002, meta waqt li l-konvenut kien qed isuq vettura nru. BAV 505 habat mal-vettura nru. KBE101, proprjeta ta'l-attur

Etienne-Carmel Farrugia li kienet wieqfa, ghal liema incident l-konvenut kien unikament responsabbli minhabba imprudenza, imperizja, negligenza u inosservanza tar-regolamenti.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta'l-ittra ufficjali tat-2 ta' Dicembru 2002 u dawk ta'l-ittra ufficjali ippresentata kontestwalment ma'l-avviz ghan-notifika ta'l-assikurazzjoni tal-konvenut u dana ai termini tal-Kapitolu 104 tal-Ligijiet ta' Malta, u bl-imghax legali b'effett mit-2 ta' Dicembru 2002 sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenut.

Ra r-risposta tal-konvenut ipprezentata fl-4 ta' Frar 2003 fejn huwa eccepixxa illi t-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-atturi, stante illi l-incident in kwistjoni ma garax tort tal-konvenut, izda unikament tort ta'l-attur Etienne-Carmel Farrugia, minhabba imperizja, traskuragini u nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku da parti tieghu, hekk kif ser jigi ippruvat ahjar waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

Sema' x-xhieda ta' Joseph Mula, rappresentant tas-socjeta attrici nomine, ta' P.S. 1131 Justin Camilleri u tal-kontendenti u cioe' l-attur Etienne-Carmel Farrugia u tal-konvenut Stephen Spiteri.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz u tad-dokumenti esebieti u cioe' ir-ricevuti tal-hsarat, esebieti bhala Dokumenti JM1 sa JM6 kif ukoll ir-*road accident report*, Dokument JC1, skizz maghmul mill-attur esebiet bhala Dokument EF1, kif ukoll skizz maghmul mill-konvenut esebiet bhala Dokument SS1 u ritratt tal-hsarat fil-vettura tal-konvenut, Dokument SS2.

Ikkunsidra,

Dan l-incident tat-traffiku sehh vicin l-entratura ghad-Dipartiment tal-VAT gewwa B'Kara meta l-attur kien qieghed jintenta sabiex idur ghal go triq laterali dejqa minn triq principali, Triq Ta' Paris, li fiha kien qieghed isuq. Din hija *sharp left turn*, li kif jixhed l-*investigating officer*, is-

surgent Camilleri triq iddur madwar 180 grad u dana sabiex wiehed ikun jista' jikser kif kien ser jaghmel l-attur.

Jidher illi qabel ma sehh l-impatt iz-zewg vetturi kienu qeghdin jinsaqu wara xulxin fl-istess direzzjoni, bil-vettura tal-konvenut wara dik misjuqa mill-attur. Sa hawnhekk jidher illi hemm qbil fil-verzjoni moghtija miz-zewg sewwieqa. L-attur jikkontendi illi huwa kien bi hsiebu idur ghal got-triq laterali minn Triq ta' Paris. Xeghel l-*indicator* u kien ser jikser meta lemah vettura ohra tielgha minn din it-triq dejqa fejn kien bi hsiebu imur. Huwa waqqaf sabiex jaghti cans lil din il-vettura tohrog mit-triq, meta f'daqqa wahda huwa ra il-vettura misjuqa mill-konvenut gejja dritt ghal fuqu u sehhet il-kollizzjoni. Pulizija fuq il-post ta'l-incident ma kienx ingab u dana peress illi skond kif jallega l-attur, l-konvenut ma hassx il-bzonn ghal dan peress illi l-konvenut mal-ewwel ammetta t-tort ghall-incident u stqarr illi ma kienx ra il-vettura misjuqa mill-attur. Il-vettura tal-konvenut halliet warajha madwra sitt metri brejk marks.

Min-naha tieghu l-konvenut jallega illi l-vettura misjuqa mill-attur ghamlet manuvra u kissret sabiex iddur lejn *parking bay* li kien jinstab fuq il-lemin taghha. Huwa haseb illi din il-vettura kienet ser tipparkeggja u ghalhekk baqa' isuq fid-dritt.  F'dak il-mument huwa ra vettura tielgha mit-triq id-dejqa fejn jinsab id-Dipartiment tal-VAT u ghalhekk irrallenta sabiex jaghti cans lil din il-vettura tohrog minn din it-triq. Meta ghaddiet din il-vettura huwa kompla isuq, meta f'daqqa wahda il-vettura misjuqa mill-attur regghet saqet 'il barra mill-*parking bay* u baqghet diehla fuqu. Wara l-incident huwa sar jaf illi l-attur kellu intenzjoni jidhol fit-triq laterali minn fejn kienet harrget il-vettura l-ohra. L-konvenut ighid illi huwa ma tax kaz jekk l-attur kienx xeghel l-*indicator*.

Ikkunsidra,

Illi mill-assjem tal-provi prodotti jidher car illi l-incident stradali mertu ta' din il-kawza sehh minhabba l-fatt illi l-konvenut ma fehemx  il-manuvra li kien bi hsiebu jaghmel l-attur u x'direzzjoni kien bi hsiebu jiehu l-attur fis-sewqan tieghu. Dana seta' sehh principarjament minhabba zewg

ragunijiet, jew minhabba l-fatt illi l-konvenut kien aljenat fis-sewqan tieghu, ma kienx qieghed attent u allura ma indunax bis-sinjali li l-attur kien qieghed jipprova jittrasmettielu, jew alternattivament, illi l-attur ma tax indikazzjoni cara lis-sewwieqa li kienu gejjien warajh ta' dak li kien bi hsiebu jaghmel.

Illi ma hemmx dubbju illi minhabba il-konfigurazzjoni tat-toroq fejn sehh l-incident, l-attur kien ser jaghmel *a sharp turn* ghal fuq ix-xellug tieghu. Sabiex ikun jista' jaghmel dan jidher illi huwa kellu bzonn jikser xi ftit lejn il-lemin sabiex imbaghad jikser ghal fuq ix-xellug tieghu. Meta huwa kiser ghal fuq il-lemin, induna li kien hemm vettura ohra tielgha minn got-triq fejn kien bi hsiebu idur u ghalhekk waqqaf sabiex jippermetti lil din il-vettura tohrog qabel ma jikser hu. L-attur jallega illi huwa xeghel l-*indicator*. Izda dana ma kienx bizzejjed sabiex jaghti pre-avviz lill-konvenut ta' dak li kien bi hsiebu jaghmel u dana peress illi jidher illi l-konvenut fehem illi l-attur kien ipparkeggja fil-*parking bay* li kien hemm fuq il-lemin tat-triq u ghalhekk huwa baqa' ghaddej fid-dritt sabiex b'konsegwenza ta' dan sehhet il-kollizzjoni. Ma jidhirx madankollu, kif jallega l-konvenut illi huwa kien irallenta hekk kif wasal vicin it-triq laterali u dana peress illi jirrizulta mix-xhieda illi huwa halla *brake marks* tul madwar sitt metri li jindikaw illi l-attur kien diga beda isuq qabel ma sehh l-impatt u li l-konvenut ma irnexxielux iwaqqaf il-vettura tieghu fil-hin sabiex jevita l-kollizzjoni. Kieku kien minnu illi huwa kien qieghed jirrallenta, kieku zgur li ma kienx ihalli *brake marks* warajh u forsi kien ukoll jirnexxielu jevita l-incident.

Illi qabel xejn ghandu jinghad illi l-gurisprudenza tal-qrati taghna kienet dejjem kostanti meta sahhqet illi meta sewwieq ikun ser jikser ghal go *side street*, mhuwiex bizzejjed illi jaghmel sinjal, izda irid jara ukoll illi dawk li qed isuqu warajh ikunu fehmu s-sinjal u rreagixxew ghalih. Huwa irid jaccerta ruhu li ma hemm hadd li jkun ser jaqilghu fil-mument li jkun ser jikser. (ara sentenzi P.A. 15/10/1995 – Hugh Zammit noe vs Raymond Debono; Qorti tal-Magistrati 01/03/1999 – Middle Sea Insurance Co.Ltd., vs Patrick Calleja). Inoltre l-artikolu 76 tal-

Highway Code ighid: "*before changing direction, reduce speed and keep a watch on the traffic behind you by glancing in your mirror*."

Ma jidhirx mill-provi migbura illi l-attur kien qieghed attent ghat-traffiku li kien gej minn warajh qabel ma beda jaghmel il-manuvra intenzjonata. Huwa ighid biss illi xeghel l-*indicator* illi fic-cirkostanzi ma kienx bizzejjed tenut kont illi it-triq li kien bi hsiebu jiehu kienet tirrikjedi illi huwa jiehu *a sharp turning*. Illi ghalhekk l-attur ghandu certu grad ta' responsabbilta' ghall-incident mertu tal-kawza u dana peress illi jirrizulta illi ta indikazzjonijiet hziena lis-sewwieqa li kienu gejjin minn warajh tal-manuvra li kien bi hsiebu jaghmel, tant illi l-konvenut hass illi seta' jissorpassah fil-mument illi l-attur kien ser ibiddel id-direzzjoni tieghu. Madankollu l-konvenut ghandu ukoll htija kontributorja ghal dan l-incident u dana peress illi jidher illi huwa baqa' ghaddej b'certu velocita ghalkemm kien jaf ben tajjeb illi kienet tielgha vettura minn din it-triq. Dana jirrizulta mix-xhieda tieghu meta ighid illi ra l-vettura hierga mit-triq laterali u li ghalhekk allegatament beda jirrallenta. Inoltre l-fatt illi irrizultaw il-*brake marks* jindika illi l-konvenut kien induna b'dak li kien ser jaghmel l-attur, qabel l-impatt u ireagixxa ghalih, izda dan ma kienx bizzejjed sabiex jevita l-impatt.

Ghaldaqstant it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jiddikjara illi l-kontendenti kienu it-tnejn responsabbli ghall-incident stradali mertu tal-kawza fil-grad ta' zewg terzi ghall-attur u terz ghal konvenut u kwindi ighaddi biex filwaqt li jilqa' it-talba attrici limitatament ghas-somma ta' sebgha u tmenin lira Maltin u tlieta u ghoxrin centezmu Lm87.23, jilqa' ukoll in parti l-eccezzjoni sollevata mill-konvenut u jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-atturi is-somma ta' Lm87.23, bl-imghaxijiet legali mit-2 ta' Dicembru 2002.

L-ispejjez ta' dina l-istanza, inkluzi dawk ta'l-ittra ufficjali tat-2 ta' Dicembru 2002 u dawk ta'l-ittra ufficjali ippresentata kontestwalment ma'l-avviz ghan-notifika ta'l-assikurazzjoni tal-konvenut u dana ai termini tal-Kapitolu 104 tal-Ligijiet ta' Malta ghandhom jigu sopportati in kwantu ghal zewg terzi mill-atturi u terz mill-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------